MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 79/2013

**Carmela sive Carmen Saliba**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Illum it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2014**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi l-attriċi twieldet fir-Rabat, Għawdex fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebgħin (1973) u l-att tat-twelid tagħha ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru progressiv mija erbgħa u sebgħin tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebgħin (174/1973) kif

jidher mill-kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument ‘A’;

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attriċi ġie mniżżel bħala ‘Carmela’ u dana nonostante li l-ġenituri ta’ l-attriċi riedu li isem l-attriċi ikun ‘Carmen’;

Illi di piu l-attriċi dejjem kienet magħrufa ossia msejħa bl-isem ta’ ‘Carmen’ u dan kfi jirriżulta minn diversi dokumenti uffiċċjali fosthom il-liċenzja tas-sewqan, iċ-ċertifikat tal-magħmudija u dokumenti oħra relattivi għall-istudji tagħha li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti ‘B’ sa ‘E’ rispettivament;

Illi l-attriċi tixtieq tikkoreġi dan l-iżball billi isimha ikun jinkiteb bl-istess mod f’kull dokument pubbliku u dan stnate illi qegħdin jinħolqu inkongruwenzi.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m’għandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tawtorizza l-korrezzjoni u r-reġistrazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru progressiv mija u erbgħa u sebgħin tas-sena elf disa’ mija u tlieta u sebgħin (174/1973), skond il-provvedimenti tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, billi fil-kolonna “Ismijiet mogħtija” u kif ukoll fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” l-isem ‘Carmela’ jiġi sostitwit bl-isem ‘CARMEN’;

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija jiġi rifless f’kull att ta’ l-istat ċivili relattiv tal-mittenti, jekk ikun il-każ u dan skond l-artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors ġuramentat.

Rat in-Nota responsiva ġuramentata tal-konvenut.

Semgħet lill-attriċi tikkonferma li hija dejjem kienet magħrufa bl-isem ta’ Carmen.

Il-Qorti għalhekk u peress illi jidhrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet attriċi u

1. Tawtorizza l-korrezzjoni u r-reġistrazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru progressiv mija u erbgħa u sebgħin tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebgħin (174/1973), skond il-provvedimenti tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, billi fil-kolonna "Ismijiet mogħtija" u kif ukoll fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" l-isem 'Carmela' jiġi sostitwit bl-isem 'CARMEN';

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv tal-mittenti, jekk ikun il-każ u dan skond l-artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

In vista tan-natura ta' din il-kawża l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------